KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 36** **IS-SITT KUNSILL**

Is-sitta u tletin seduta (36) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **l-Erbgħa 4 ta' Mejju, 2011** fis-5.47 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsilliera Nikki Dimech, Julian Galea u Nicolai Gauci avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsilliera msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi diskuss issa *item* numru tlieta (3) tal-aġenda.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru 6179 mibgħuta mill-Perit responsabbli għall-iżvilupp ta' proprjeta' fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Permezz ta' dan il-korrispondenza l-Kunsill qiegħed jintalab jestendi l-permess tat-*tower crane* sal-aħħar ta' Settembru 2011. Is-Sindku ipproponiet li l-permess għandu jiġi estiż. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unaniumu ma' din il-proposta.

3.1.1 Is-Sindku talbet li tiġi sospiża l-laqgħa mill-proċedimenti tagħha fis-5.49 ta' filgħaxija biex sid din il-proprjeta' fi Triq il-Kulleġġ l-Antik jagħmel talba biex is-sinjali li talbitu jagħmel it-Transport Malta, u li permezz tagħhom kienu se jonqsu xi *parking spaces*, ma jsirux.

***Is-seduta tkompliet fis-5.51 ta' filgħaxija.***

3.1.2 Dwar it-talba ta' sid il-proprjeta' fi Triq il-Kulleġġ l-Antik, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lit-Transport Malta biex tirrevedi d-deċiżjoni tagħha biex ma jintilfux *parking spaces*.

3.2 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 4129 mill-Bord tal-Gvernanza dwar il-każ tas-Sur Stephen Buhagiar. Diskussjoni dwar din il-komunikazzjoni ġiet posposta għall-aktar tard minħabba li l-Kunsilliera preżenti talbu li tingħatalhom kopja kull wieħed.

3.3 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza mill-*Malta Communications Authority* dwar skema għall-użu tal-WI-FI. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill ma jidħolx għall-ispiża ta' EUR900 biex iżid l-użu tal-WI-FI u li l-WI-FI fi Ġnien Indipendenza għandu jkun provdut b'xejn taħt skema maħruġa mill-Gvern Centrali. Il-Kunsillier M. Aquilina issekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

3.4 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 1915 mingħand *Capitol Mansions* għall-permess biex itaqqbu l-bankina biex jitqiegħed sprall. Il-Kunsillier M. Debono qal li spralli ta' dan it-tip huma problema għaliex ineħħu mis-saħħa tal-bankina kif ukoll jista' jkun ta' periklu għal min ikun għaddej minn fuq il-bankina. Il-Kunsillier M. Debono qal li s-sidien ta' din il-proprjeta' setgħu jtaqbu l-ġenb tal-prorjeta' tagħhom u jagħmlu ventijiet tal-arja. Il-Kunsill unanimament qabel mal-Kunsillier Debono u ma laqgħax it-talba ta' Capital Mansions.

3.5 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6246. Il-Kunsill unanimament ma qabilx mat-talba tas-Sur R. Saliba biex tingħatalu kopja taċ-ċavetta tal-lattrina pubblika li hemm taħt it-Torri minħabba li l-Kunsill qiegħed fil-proċess ta' applikazzjoni għad-devoluzzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel li jerġa jikkunsidra t-talba tal-applikant la darba jkollu d-devoluzzjoni tal-lattrina pubblika.

3.6 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6273: talba għall-applikażżjoni għal *reserved parking* fi Triq San Karlu. Kien hemm diskussjoni dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal din it-talba. Il-Kunsillier Y. Cali issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier M. Debono astjena.

3.7 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza minn bejjiegħ tal-imnut biex ibiegħ ikel, xorb, u tabakk ix-Xatt. Il-Kunsill bmod unanimu ma laqgħax it-talba tal-appikant, is-Sur Yorjo Buhagiar.

3.8 Il-Kunsillier S. Camilleri staqsiet jekk il-bejjiegħ tal-imnut li qiegħed ix-Xatt ibiegħ iz-zalzett għandux permess. Il-Kunsill għandu jivverifika.

3.9 Saret diskussjoni dwar il-bejjiegħa tal-imnut fi Pjazza Dingli. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jikteb lill-Pulizija.

3.10 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6391 minn *Micallef Stafrace Advocates*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li kopja tal-korrispondenza għandha tintbagħat lit-TM.

3.11 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6387. Il-Kunsill b'mod unanimu oġġezzjona għat-talba tas-Sur Micallef minħabba li l-Kunsill kien qed jikkonsidra li jagħmel xogħol ta' tisbiħ fl-istess żona.

3.12 Dwar iż-żona ta' taħt Peppi, is-Sindku qalet li ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħafna dgħajjes li hemm imkissrin u infurmat li l-Kunsill diġa talab l-għajnuna lil MTA. Il-Kunsill kiteb ukoll lil *Malta Maritime Authority* biex naraw min għandu permess iħalli d-dgħajsa fl-arja ta' taħt Peppi. Tlabna anke appuntament mad-Dipartiment tal-Artijiet. Eventwalment meta tiġi żbarazzata din l-arja msemmija, il-Kunsill qed jikkonsidra li jagħmel *embellishment* għall-użu pubbliku.

3.13 Il-Kunsillier Y. Cali ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-mod li bih qed isir l-iżvilupp tal-Exiles. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' joġġezzjona għall-iżvilupp tal-Exiles mal-MEPA.

3.14 Reġgħet tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 4129 mill-Bord ta' Gvernanza. Il-Kunsillier M. Debono qal li d-Dipartiment għal Gvern Lokali għandu jinforma bil-miktub lill-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.15 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 7184. Il-Kunsill ma laqgħax it-talba mill-SPCA għal *loading/unloading* fi Triq Borg Olivier ma' Triq Howard quddiem il-ħanut *Paws for a Cause.*

3.16 F'dan l-istadju l-Kunsillier Y. Cali ppropona li Triq Borg Oliver issir *one way* l-isfel. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha tintbagħat korrispondenza lit-TM dwar dan.

3.16.1 Is-Sindku ressqet ilment simili dwar Don Rua minħabba li din it-Triq hija dejqa u l-karozzi qegħdin jitilgħu fuq il-bankina li għadha kif saret. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx li din il-parti tat-Triq Don Rua li hija *two way* tinqaleb għal *one way.*

3.17 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 7195. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob għall-aktar informazzjoni dwar dan il-proġett għal kunsiderazzjoni tiegħu minħabba li din il-korrispondneza minn studenti tal-Fakulta' tal-Arkitettura ma tispeċifikax x'se jkun eżebit.

3.18 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 7192. Il-Kunsill ma laqgħax it-talba tal-kumpanija *Frank Salt* għal riklamar.

3.19 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 7246: talba mis-sidien ta' *Tanti Kiosk* biex jimpjegaw lis-Sur David Vella biex idoqq fuq *keyboard* fuq il-promenade għal madwar sagħtejn u nofs filgħaxija. Wara diskussjoni fit-tul is-Sindku ppropponiet li jinħareġ il-permess għal xahrejn biss li jista' jerġa' jiġġedded mill-Kunsill wara talba formali, li m'għandux ikun hemm amplifikazzjoni għolja filwaqt li għandu jkollu l-permessi kollha neċessarji minn awtoritajieet oħra kompetenti. Is-Sindku pproponiet ukoll li f'każ li jkun hemm oġġezzjoni mir-residenti l-permess ma jiġġeddidx. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina u M. Debono ivvotaw kontra. Il-Kunsilliera S. Camilleri astjeniet. Il-Kunsill approva t-talba mressqa mis-sidien ta' *Tanti Kiosk* b'ħames (5) voti favur.

3.20 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 4733. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joġġezzjona għat-talba tal-ħanut *The Plough and Anchor Bar* għal imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina minħabba li l-bankina hija dejqa u għaldaqstant dan jista' jkun ta' periklu u inkonvenjent. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri u M. Debono ivvotaw favur. Il-Kunsillier P.

Pace astjena. Il-Kunsill ma laqgħax it-talba tal-ħanut *The Plough and Anchor Bar* b'seba' (7) voti favur il-proposta tas-Sindku.

3.21 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6873. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li minħabba attivitajiet oħra, l-Kunsill ma jipparteċipax fil-programm Konfini.

3.22 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6801. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill li jinxtraw dawn il-kotba għall-Librerija Pubblika wara li ssir konsultazzjoni mal-librara.

3.22.1 F'dan l-istadju s-Sindku pproponiet li l-Kunsill jistieden lill-awtriċi Nathalie Portelli biex tiltaqa' mat-tfal tal-lokalita' ta' eta' bejn l-10 u t-12-il sena fis-17 ta' Ġunju 2011 fl-Uffiċċju Ammnistrattiv tal-Kunsill fl-4 ta' wara nofsinhar. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jikteb lill-iskejjel kollha ta' Tas-Sliema biex jinfurmahom dwar din l-attivita' kif ukoll li jitwaħħlu avviżi dwar din l-attivita' fin-*noticeboards* tal-Kunsill.

3.23 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6502. Il-Kunsill ma laqgħax it-talba tas-Sur Nikki Bilocca, rapprezentant tas-sit 'www.maltainfo.com'.

***Il-Kunsillier Y. Cali ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7 ta' filgħaxija.***

3.24 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6911. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob għall-aktar informazzjoni dwar dan il-proġett għal kunsiderazzjoni tiegħu.

3.25 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 5518. Il-Kunsill ma laqgħax it-talba tal-ħanut *Club Sin* biex jitwaħħlu *barriers* għal riklamar.

3.26 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6997. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-ħruġ tal-polza ta' assigurazzjoni kif imressqa quddiem il-Kunsill mill-AKLM.

3.27 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6712 Memo 38/2011 mid-Dipartiment Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li minħabba attivitajiet oħra fil-lokalita' ma jorganizzawx attivitajiet fgħeluq il-ħamsin sena anniversarju tal-mewt ta' Dun Karm Psaila.

3.28 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 7319 mis-*Sliema Residents Association*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu joġġezzjona mal-MEPA għal proġett tal-*Forestals*.

3.29 F'dan l-istadju s-Sindku ressqet għad-diskussjoni proposta biex is-Sur Winston Zammit jagħmel taħdita dwar l-istorja ta' Tas-Sliema lill-istudenti. Il-Kunsillier M. Debono ssuġġerixxa li din tkun fis-17 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma din il-proposta.

3.30 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6041 mibgħuta mis-Sur Justin Gambin f'isem il-kumpless *Surf Side*. Il-Kunsill ma laqgħax it-talba tas-Sur Gambin biex titpoġġa xibka ta' 800sqm fil-baħar biswit il-proprjeta' imsemmija bħala protezzjoni mill-bram, kif ukoll li jingħata numru ta' riklami b'xejn fuq il-magazin tal-Kunsill.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri ġie skużat mis-seduta fis-7.08 ta' filgħaxija.***

3.31 Kien diskuss periklu li hemm f'rampa biswit is-Surf Side. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu nfurmati.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri daħal lura għas-seduta fis-7.10 ta' filgħaxija.***

3.32 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza li rċieva l-Kunsill mit-TM dwar *loading/unloading bay* li l-Kunsill intalab ineħħi minn Triq Sant' Elena minn quddiem forn u dwar *double yellow line* li l-Kunsill qiegħed jintalab ineħħi minn quddiem forn fi Triq San Trofimu. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jibqa' joġġezzjona għat-tneħħija tal-*loading/unloading bays* għal fran kollha f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona li jitneħħew il-*loading/unloading bays*, kif ukoll li l-Kunsill jaqbel li kull furnar f'Tas-Sliema għandu jkollu *loading/unloading bay* għaliex jekk dawn jitnewħħew tista' tiżdied il-konġestjoni tat-traffiku f'numru ta' toroq sostanzjali.

3.33 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 4254. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jżomm mal-istess deċiżjoni dwar il-*loading/unloading bay* tal-lukanda Plevna u ċioe li l-ħin jibqa' dak stabbilit mill-Kunsill fis-seduta preċedenti.

3.34 Il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill kien iddiskuta t-tneħħija ta' żewġ kaxxi riservati għall-Volksbank. Il-Kunsill għandu jerġa' jikteb lit-TM.

3.35 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 7334. Kien hemm diskussjoni fit-tul dwar jekk għandhomx jitħallew organizzazzjonijiet favur jew kontra d-divorzju jagħmlu użu minn art pubblika f'Tas-Sliema biex iwasslu l-messaġġi tagħhom. Il-Viċi Sindku qal li skont il-Kostituzzjoni kull individwu għandu dritt għal-liberta' tal-espressjoni. Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li l-Kunsill għandu jħalli lil

kulħadd jitkellem, kemm min hu favur kif ukoll dawk kontra d-divorzju. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jilqa' talba tas-Sur Clyde Attard biex issir diskussjoni dwar id-divorzju f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel ukoll li kull organizzazzjoni, sew jekk favur jew kontra d-divorzju għandha tingħata l-permess tal-Kunsill biex torganizza diskussjonijiet dwar dan is-suġġett fuq art pubblika f'Tas-Sliema.

3.36 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 7330. Il-Kunsill laqa' b'mod unanimu t-talba minn *Red Cross* biex issir attivita' nhar is-7 ta' Mejju, 2011 f'Għar id-Dud.

3.37 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 6825. Il-Kunsill talab għal iktar informazzjoni dwar l-attivita' li se tkun organizzata minn *Once Upon A Time* għalkemm qabel li din l-attivita' ssir fi Gnien Qui-Si-Sana.

***Il-Kunsillier M. Debono ġie skużat li joħroġ mis-seduta fis-7.30 ta' filgħaxija.***

Il-Kunsill qabel li n-nies ma jħallsux. Dwar it-talba mir-rappreżentanti ta' *Once Upon A Time* biex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-attivita', il-Kunsill qabel li għandu jirċievi iktar informazzjoni.

3.38 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza numru 7379 dwar proposta biex il-Kunsill jissieħeb mas-Soċjeta Filarmonika Sliema biex ikun organizzat *Spring Fest.* Is-Sindku ppproponiet li s-sehem tal-Kunsill ikun dak li jipprovdi l-palk kif ukoll li jikri s-servizz ta' żfin folkloristiku. Is-Sindku qalet li l-Kunsill talab għal kwotazzjoni għal kiri tal-palk. Qalet li n-nefqa m'għandix tkun iktar minn EUR260. L-ispiża għas-servizz tal-Grupp Aurora għal żfin folkloristiku u tieġ Malti m'għandix tkun iktar minn EUR400 (DOK 'A' mehmuż).

***Il-Kunsillier M. Debono daħal lura għas-seduta fis-7.35 ta' filgħaxija.***

Is-Sindku ppproponiet li l-Kunsill jipprovdi s-servizz ta' tindif. Qalet li l-ispiża totali m'għandix teċċedi l-EUR1,000. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku biex il-Kunsill jorganizza l-iSpring Fest flimkien mas-Soċjeta Filarmonika Sliema kif ukoll li jidħol għall-ispiża li ma teċċedix l-EUR1,000 (VAT inkluza). Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.39 Saret diskussjoni dwar kalendarju ta' attivitajiet li l-Kunsill jista' jorganizza flimkien ma' għaqdiet mhux governattivi f'Tas-Sliema. Is-Sindku ppproponit li għandha tintbagħat korrispondenza lill-għaqdiet mhux governattivi biex jara x'attivitajiet se jwettqu s-sena d-dieħla biex il-Kunsill ikun jista' jara x'attivitajiet

ikun jista' jorganizza hu kif ukoll biex joħroġ *leaflet* dwar attivitajiet li jkunu se jsiru fir-Rebbiegħa u fis-Sajf. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

3.39.1 Il-Viċi Sindku ppropona li jekk toħroġ l-iskema tal-Gvern Centrali għal organizzazzjoni ta' attivitajiet mill-Kunsilli, il-Kunsill ikun jista' jorganizza serje ta' attivitajiet mal-għaqdiet kollha.

3.39.2 Is-Sindku pproponit li ssir laqgħa mal-erba' baned tal-lokalita' biex il-Kunsill isir jaf x'attivitajiet hemm ippjanati għas-sajf ta' din is-sena bil-possibiita' li l-Kunsill jorganizza xi attivitajiet kif ukoll li joħroġ fuljett dwar dawn l-attivitajiet. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

*Il-Viċi Sindku talab point of order minħabba l-kliem li ngħad mill-Kunsillier S. Camilleri fil-konfront tiegħu.*

3.40 Is-Sindku resqet talba minn resident biex tiġi restawrata n-niċċa ta' Santa Marija. Il-Kunsill qabel li jrid jivverifika lil min tgħajjat din in-niċċa qabel ma jsir intervent fuqha.

3.41 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni t-tiżjin għall-festi tal-Milied. Qalet li s-sena li għaddiet waqt laqgħa li saret bejn il-Kunsill u s-*Sliema Business Community*, flimkien mal-Onorevoli Chris Said, is-Sliema Business Community tennew li setgħu joħorġu bi prodott aħjar minn dak li offra l-Kunsill.

3.41.1. Is-Sindku pproponiet li għal din is-sena d-dwal fit-toroq għal zmien il-Milied isiru f'toroq residenzjali u mhux kummerċjali.

3.41.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

3.42 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joħroġ sejħa għal kwotazzjoni għas-servizz ta' inġinjier. Qalet li fost ir-responsabiltajiet tiegħu l-inġinjier li jintgħażel għandu jikteb it-*tender* għad-dwal fit-toroq għal festi tal-Milied. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill dwar il-ħruġ għas-sejħa għal kwotazzjoni għas-servizz ta' inġinjier, liema avviż għandu jidher fil-gazzetti għal ġimgħatejn.

3.43 Is-Sindku pproponiet li ssir laqgħa informali nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2011 biex jiltaqa' l-bord ta' aġġudikazzjoni għat-*tender* dwar il-ġbir tal-iskart imħallat. Qalet li kif deciz f'laqgħa precedenti l-bord ta' aġġudikazzjoni huwa kompost mill-Kunsill kollu kif ukoll mill-avukat u l-accountant tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu kif ukoll qabel li wara jinħarġu r-rakkomandazzjonijiet mill-bord issir laqgħa formali għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.44 Is-Sindku ressqet il-proposta ta' kumpanija privata li kienet f'kuntatt mal-Kunsillier N. Gauci biex jitpoġġew *bicycle stands* biex jinħoloq inċentiv sabiex jintużaw aktar roti minnflok karozzi. Il-Kunsill

qabel li l-Kunsillier N. Gauci għandu jressaq iktar informazzjoni dwar din il-proposta għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni: kwotazzjonijiet**

4.1 Tressqu għad-diskussjoni żewġ kwotazzjonjiet (DOK 'B' u 'C' mehmuzin) għal xogħol ta' injam meħtieġ għall-annimali li hemm magħmula mill-injam li jinstabu fil-*playing field* fi Gnien Indipendenza kif ukoll għal xi bankijiet li għandhom bżonn jissewwew. Għalkemm l-Ufficcju Amministrattiv talab kwotazzjonijiet mingħand erba' kumpaniji differenti, tnejn biss kienu dawk li wieġbu lura. Il-Kunsill ikkunsidra li *Patrick Joinery Works* offra x-xogħol mitlub bi prezz irħas, għalhekk il-Kunsill qabel b'mod unanimu li *Patrick Joinery Works* għandu jintgħażel biex jipprovdi dan is-servizz lill-Kunsill

4.1.1 Is-Sindku qalet li l-Kunsill ħareġ sejħa għal *expression of interest* għal kumpaniji li jipprovdu *playing field items* biex il-Kunsill ikun jista' jara x'hemm fis-suq u kif jista' jagħmel *upgrading* tal-*playing fields.*

4.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ircieva korrispondenza li permezz tagħha l-Kunsill kien infurmat li fi żmien qasir il-Malta Standards Authority se tibda eżerċizzju biex tevalwa l-playing fields u s-sigurta' tal-logħob ta' ġo fihom.

4.2 *F'dan l-istadju l-Kunsill iddiskuta l-laqgħa tal-lokalita' u kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju, 2011 fis-6 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amminsitrattiv tal-Kunsill.*

***Il-Kunsillier S. Camilleri ħarġet mis-seduta fit-8.13 ta' filgħaxija.***

4.3. Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet mill-kumpanija *Bortex* u mill-kumpanija *EagleK-Wear* għall-uniformijiet tas-sajf għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsill (DOK 'D' u 'E' mehmużin). Kien spjegat li l-prezz għall-uniformi tas-sajf intalab mill-istess kumpaniji li kienu ssottomettew il-kwotazzjoni tagħhom għall-uniformijiet tax-xitwa, wara sejħa li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali. Ġie nnutat li l-kumpanija *Jon David* għada ma fornitx l-uniformijiet tax-xitwa u għalhekk ma ntalbitx kwotazzjoni għall-uniformijiet tas-sajf.

4.3.1 Il-Kunsillier M. Debono staqsa jekk l-unifromijiet kienux se jinxtraw b'*direct order.*

4.3.2 Kien spjegat li spiża taħt l-EUR1164.69 tista' ssir permezz ta' *direct order.*

4.3.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-uniformi tas-sajf tinxtara mill-kumpanija *Eagle K Wear* għal prezz ta' EUR756 (VAT inkluza).

***F'dan l-istadju tal-laqgħa l-Kunsillier M. Debono talab biex jiġi skużat li jitlaq mis-seduta fit-8.17 ta' filgħaxija.***

Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li apparti li kien għad baqa' l-pagamenti kif ukoll il-minuti x'jiġu diskussi. Qalet li minħabba nuqqas ta' kworum qed ikun hemm ħafna korrispondenza li tibqa' pendenti għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kull darba li l-Kunsill idum ma japprova l-pagamenti ikun qiegħed iħallas *late payment fees* addizjonali għall-kont lill-kumpaniji bħal Sky Telecom, GO, Melita, u ARMS fost oħrajn.

***Is-Sindku ddikjarat li ma kienx hemm kworum biex titkompla s-seduta u aġġornat is-seduta għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju, 2011, fil-5.30 ta' filgħaxija.***

Is-Sindku qalet li l-*items* fuq l-Aġenda 36 li ma ġewx eżawriti jiġu trasferiti għall-11 ta' Mejju 2011. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ..[illegible].. [illegible] ta' ..[illegible].. 2011.
(jum) (data) (xahar)